# LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 101.02

## REGOLI GĦALL-KONTROLL INTERN FUQ ID-DROGI PERIKOLUŻI

1 ta' Settembru, 1939

*IN-NOTIFIKAZZJONI TAL-GVERN 292 ta' l-1939, kif emendata bin-Notifikazzjonijiet tal-Gvern 449 ta' l-1942 u 545 ta' l-1957; u bl-Avviżi Legali 4 ta' l-1974, 40 ta' l-1984, 23 ta' l-1985, 64 ta' l-1986 u 33 ta' l-1989.*

**1.** It-titolu ta' dawn ir-Regoli hu Regoli għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi. Titolu.

**2.** (1) Għall-finijiet ta' dawn ir-Regoli, kemm-il darba s-sens tat-test ma jfissirx xort'oħra - Tifsir.

"tabib", "kirurgu dentist", "dentist", "kirurgu veterinarju", "spiżjar" ifissru, kull wieħed minnhom, persuna li għandha liċenza li taħdem f'Malta il-professjoni msemmija;

"Ordinanza" tfisser l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi; Kap. 101.

"reġistru" ifisser ktieb illegat u ma jfisser ebda għamla ta' reġistru b'folji sfużi jew indiċi b'sistema ta' biljetti.

(2) Id-drogi milqutin b'dawn ir-Regoli huma dawk li lilhom tolqot it-Taqsima V ta' l-Ordinanza, kemm-il darba s-sens tat-test ma jfissirx xort'oħra.

**3.** Ebda persuna ma għandha timmanifattura jew tuża xi proċess fil-manifattura ta' xi droga - Projbizzjoni.

(*a*) kemm-il darba hija ma jkollhiex liċenza mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa jew ma tkunx awtorizzata b'dawn ir-Regoli jew minn awtorità mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa;

(*b*) ħlief f'postijiet bil-liċenza apposta mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa;

(*ċ*) ħlief skond il-pattijiet u kundizzjonijiet ta' dik il-liċenza jew awtorità.

**4.** Ħadd ma għandu jforni jew jipprokura, jew joffri li jforni jew jipprokura, d-drogi lil xi persuna jew għal xi persuna u sew jekk f'dawn il-Gżejjer kemm jekk xi mkien ieħor, jew jawża d-drogi għall-bejgħ - Projbizzjoni jekk ma jkunx hemm awtorizzazzjoni.

(*a*) kemm-il darba ma jkollux liċenza mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa jew ma jkunx awtorizzat b'dawn ir-Regoli jew minn xi awtorità apposta mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jforni d-drogi, jew jekk huwa ma jkunx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza, jew jekk huwa ma jkollux liċenza jew xort'oħra awtorizzat li

jimmanifattura d-droga, jew (iżda biss għal dak li jipprokura) jekk huwa ma jkollux liċenza li jipprokurahom;

(*b*) xort'oħra milli skond il-pattijiet u kundizzjonijiet ta' dik il-liċenza jew awtorità.

Drogi mogħtijin fuq riċetta skond il-liġi lil xi persuna li għandha liċenza jew hija awtorizzata.

**5.** Ħlief meta d-drogi huma skond il-liġi mogħtijin fuq riċetta ta' tabib, kirurgu dentist, dentist, jew kirurgu veterinarju, skond il-kundizzjonijiet hawnhekk iżjed il quddiem imsemmijin, ebda persuna ma għandha tforni jew tipprokura, jew toffri li tforni jew li tipprokura, xi droga lil xi persuna jew għal xi persuna f'dawn il-Gżejjer li ma jkollhiex liċenza jew xort'oħra awtorizzata li jkollha l-pussess tad-droga u lanqas lil xi persuna bil-liċenza jew awtorizzata ħlief skond il-pattijiet u kundizzjonijiet ta' dik il-liċenza jew awtorità:

Iżda d-droga li tingħata minn jew taħt is-sorveljanza diretta personali ta' tabib, jew minn kirurgu dentist jew minn dentist fil-kura tas-snien, jew minn jew taħt is-sorveljanza diretta personali ta' kirurgu veterinarju fil-kura ta' xi bhima, ma jitqisx li dak li jkun qed iforni droga skond it-tifsira ta' dawn ir-Regoli.

Riċetta għall-provvista tad-drogi.
*Emendat:*
*N.G. 448 ta' l-1942;*
*N.G. 545 ta. l-1957.*
*Sostitwit:*
*A.L. 40 ta' l-1984.*

**6.** (1) Ir-riċetta għall-provvista tad-drogi għandha tkun miktuba bl-inka jew b'materjal ieħor li ma jitħassarx fuq il-formula murija fl-Ewwel Skeda.

(2) It-tabib li joħroġ riċetta għad-drogi huwa obbligat li jimla b'kitba ċara u li tinqara t-Taqsima A tal-formula murija fl-Ewwel Skeda, u li jagħti d-dettalji kollha u t-tagħrif kollu (inkluż tagħrif addizzjonali fil-każ ta' riċetti għall-*methadone* jew għal xi melħ jew *ester* tiegħu); it-tabib għandu wkoll jniżżel il-firma tiegħu sħiħa u d-data meta jkun ħareġ ir-riċetta:

Kap. 31.

Iżda fil-każ ta' tabib awtorizzat taħt l-artikolu 4 ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha biex jaħdem fil-professjoni medika iżda li ma jkunx għadu ġie reġistrat mal-Kunsill tas-Saħħa, dak it-tabib għandu jniżżel in-numru mogħti lilu mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika minflok in-numru tar-reġistrazzjoni tal-Kunsill tas-Saħħa fuq l-imsemmija riċetta.

(3) Ebda tabib ma jista' joħroġ riċetta għall-provvista tad-drogi kemm-il darba ir-riċetta ma tkunx taqbel mad-disposizzjonijiet tas-sub-regoli (1) u (2), u kemm-il darba d-drogi ma jkunux meħtieġa għall-fini ta' kura medika:

Iżda tabib jista' joħroġ riċetta għall-użu professjonali għall-ammont ta' mhux iżjed minn għaxar fjali għall-injezzjoni jew għoxrin pillola jew kapsula:

Iżda wkoll -

(i) fil-każ ta' kirurgu dentist jew dentist, riċetta tista' tinħareġ biss għall-finijiet ta' kura dentali u dik ir-riċetta għandha tiġi markata "Għal kura dentali biss"; u

(ii) fil-każ ta' veterinarju, riċetta tista' tinħareġ biss għall-finijiet tal-kura ta' annimali u tkun markata "Għal kura ta' l-annimali biss".

(4) Kull tabib li jikseb id-drogi għal użu professjonali kif jipprovdi l-ewwel proviso tas-sub-regola (3), għandu jżomm, skond id-disposizzjonijiet tar-regola 11, notament f'reġsitru xieraq ta' l-isem u tal-kunjom, l-età u l-indirizz tal-pazjent li lilu tkun inġħatat id-droga u d-data meta ngħatat u l-indikazzjoni medika għall-għoti tal-mediċina.

(5) Ebda tabib ma jista' joħroġ riċetta għad-drogi lil xi persuna kemm-il darba dik il-persuna ma jkunx jafha sewwa jew kemm-il darba t-tabib ikun żgura l-identità ta' dik il-persuna permezz tal-Karta ta' l-Identità.

(6) Ebda tabib ma għandu joħroġ riċetta għad-drogi lil xi persuna kemm-il darba dak it-tabib ma jkunx ħa l-passi suffiċjenti sabiex jiżgura li dik il-persuna ma kenitx, fiż-żmien meta tinħareġ dik ir-riċetta, tingħata kura minn tabib ieħor dwar dipendenza minn xi droga jew xort'oħra, u li dik il-persuna ma tkunx provduta b'xi waħda minn dawk id-drogi fuq riċetta maħruġa minn dak it-tabib l-ieħor.

(7) Kull tabib għandu juża formula separata dwar kull droga preskritta minnu u ma tista' tiġi preskritta ebda droga li mhix droga li għaliha japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza jew mediċinali li għaliha japplikaw ir-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini fuq dawk il-formuli. L.S. 31.18

(8) Tabib għandu meta jippreskrivi d-drogi, juża biss formuli ta' riċetta minn ktejjeb tal-formuli li jkollu numru tas-serje maħruġ lilu mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika fuq talba magħmula fuq il-formula murija fl-Ewwel Skeda u kull tabib għandu, sew għall-fini tal-prattika privata tiegħu jew biex jaqdi d-dmirijiet tiegħu f'kapaċità uffiċjali minħabba l-impieg tiegħu mal-Gvern, bil-għan li jaqdi l-ħtiġiet tal-pazjenti tiegħu, li jagħmel kull talba għal dak il-ktejjeb ta' riċetti fuq l-imsemmija formula; dik il-formula għat-talba għandha timtela tajjeb f'kollox u għandha tkun iffirmata mit-tabib, u għandha jew tingħata bl-idejn minn dak it-tabib personalment lill-Ispiżjar Ewlieni fl-i*Stores* Mediċi tal-Gvern fi Gwardamangia jew tintbagħat bil-posta, lis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika fid-Dipartiment tas-Saħħa, l-Belt Valletta; meta jintbagħat bil-posta l-invilopp jista' jkun immarkat "Notifikazzjonijiet tas-Saħħa Pubblika" għall-fini ta' eżenzjoni minn pustaġġ.

(9) Kull tabib għandu jirrapporta minufih bil-miktub lis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika kull każ ta' serq jew telf tal-ktejjeb u tabib ma jkunx jista' juża xi formula ta' ricetta minn xi ktejjeb ta' formuli maħruġ lil xi tabib ieħor.

(10) Għall-fini ta' din ir-regola, l-espressjoni "tabib" tinkludi kirurgu dentist, dentist u veterinarju.

(11) Id-disposizzjonijiet tas-sub-regoli (1), (2), (7), (8) u (9) ma għandhomx japplikaw meta jinġgħataw drogi għall-użu tal-pazjenti fi swali fi sptarijiet tal-Gvern, u dan ikun ikkontrollat bir-regoli interni ta' l-isptar.

Kondizzjonijiet biex jingħataw drogi fuq riċetta.
*Emendat: N.G. 545 ta' l-1947.*
*Sostitwit: A.L. 40 ta' l-1984.*

**7.** (1) Ebda persuna barra minn spiżjar ma tista' tagħti d-drogi fuq riċetta.

(2) Spiżjar ma jistax jagħti droga fuq riċetta -

(*a*) ma jkunx jagħraf il-firma tal-persuna li mingħandha tkun tidher li nħarġet, u ma jkollux raġuni biex jaħseb li ma tkunx ġenwina u ma jkunx ħa passi xierqa biex jiżgura lilu nnifsu li tkun ġenwina; u

(*b*) ir-riċetta ma tkunx skond id-disposizzjonijiet tar-regola 6.

(3) Id-drogi ma jistgħux jiġu provduti iktar minn darba fuq l-istess riċetta.

(4) Spiżjar li jagħti droga b'riċetta għandu jimla b'kitba ċara u li tinqara, bl-inka jew b'materjal ieħor li ma jitħassarx, it-Taqsima Ċ tal-formula murija fl-Ewwel Skeda, jagħti d-dettalji kollha u t-tagħrif kollu li jkun fiha. L-ispiżjar għandu wkoll iniżżel il-firma tiegħu sħiħa u d-data, u għandu, wara li jagħti r-riċetta, iżommha.

(5) Għall-finijiet tas-subregola (4) l-ispiżjar li jkun qed jagħti droga fuq riċetta huwa obbligat li jitlob il-karta ta' l-identità tal-persuna li dwarha r-riċetta tkun inħarġet, u l-persuna li jkun fi ħsiebha takkwista d-drogi, sew jekk għaliha jew għall-persuna li lilha jkunu ġew preskritti d-drogi, hija obbligata li tippreżenta l-imsemmija karta ta' l-identità kif ukoll il-karta ta' l-identità tagħha stess flimkien mar-riċetta:

Iżda d-disposizzjonijiet ta' din is-sub-regola, u l-parti relattiva tad-disposizzjonijiet tas-subregola (4) ma japplikawx dwar persuna li ma tkunx għadha nħarġitilha karta ta' l-identità.

(6) Kull spiżjar diriġent ta' spiżerija liċenzjata huwa obbligat li jibgħat lis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika f'invilopp issiġillat fl-ewwel jum ta' kull xahar ir-riċetti kollha għad-drogi li jkunu ġew mogħtija minn dik l-ispiżerija matul ix-xahar ta' qabel; l-imsemmi invilopp għandu jkun indirizzat "Suprintendent tas-Saħħa Pubblika, Dipartiment tas-Saħħa, il-Belt Valletta" u jista' jkun immarkat "Notifikazzjonijiet tas-Saħħa Pubblika" għall-fini ta' eżenzjoni minn pustaġġ.

Dokument ta' kontroll.
*Miżjud: A.L. 64 ta' l-1986.*
*Emendat: A.L. 33 ta' l-1989.*

**8.** (1) (*a*) Ebda tabib ma jista' joħroġ riċetta għal xi mediċina lil xi persuna ħlief lil min ikollu dokument ta' kontroll, bħal ma jidher fil-Ħames Skeda, li jinħareg għal dan l-iskop mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika.

(*b*) Meta tinħareġ riċetta għal xi mediċina lil xi persuna, min joħroġ ir-riċetta għandu jikteb b'mod ċar, li ma jitħassarx u li jinqara dawk id-dettalji kollha indikati fil-kolonni minn 1 sa 4 tad-dokument ta' kontroll, u mbagħad jagħti lura dan id-dokument lil dik il-persuna flimkien mar-riċetta:

Iżda tabib jista', meta jkun qiegħed japplika f'isem persuna fuq il-formula tat-talba kif indikata fis-Sitt Skedai, joħroġ ukoll riċetta għal provvista ta' mediċina lil dik il-persuna u jista' jehmeż ir-riċetta ma' dik il-formula tat-talba:

Iżda wkoll dik ir-riċetta ssir biss tiswa meta d-

disposizzjonijiet tal-proviso għas-subregola (2) jkunu twettqu.

(2) Is-Suprintendent għandu joħroġ dan id-dokument ta' kontroll lill-persuna interessata wara li ssir talba minn tabib għal dan l-iskop, fuq il-formula indikata fis-Sitt Skeda:

Iżda fil-każ ta' riċetta għall-provvista ta' mediċina kif provdut fil-provisi għas-subregola (1), is-Suprintendent għandu jniżżel id-dettalji tar-riċetta relattiva fil-kolonni 1 sa 4 tad-dokument ta' kontroll.

(3) Ebda dokument ta' kontroll ma' jibqa' jiswa wara sena minn meta jkun inħareġ, ħlief jekk dan ma jiġġeddidx mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika wara li ssir talba minn tabib fuq il-formula indikata fis-Sitt Skeda.

(4) Ebda spiżjar ma għandu jservi xi droga lil xi ħadd li ma jkollux dokument ta' kontroll kif indikat fis-subregola (1).

(5) Meta spiżjar iservi droga huwa għandu, minbarra l-obbligi l-oħra speċifikati b'dawn ir-Regoli jew b'xi liġi oħra, iniżżel b'mod ċar, li ma jitħassarx u li jinqara sew, dawk id-dettalji kollha li hemm indikati fil-kolonni minn 5 sa 8 fuq id-dokument, u mbagħad għandu jibgħat lura d-dokument lil min ikun ippreżentalu r-riċetta.

(6) (*a*) Tabib jista' joħroġ riċetta għal xi droga f'każijiet urġenti lill-pazjent li ma jkollux dokument ta' kontroll sakemm:

(i) ir-riċetta jkollha tikketta li tindika li hi "URĠENTI";

(ii) l-ammont imniżżel fir-riċetta ma jkunx għall-bżonnijiet ta' iktar minn sebat ijiem;

(iii) tkun taqbel ma' ħtiġijiet oħra ta' dawn ir-regoli; u

(iv) min joħroġ ir-riċetta jinforma lis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika fi żmien tmienja u erbgħin siegħa minn meta joħroġ ir-riċetta billi jagħti l-partikolaritajiet kollha tal-pazjent, l-isem, forma u doża u l-kwantità ta' droga li għaliha tkun ħarġet ir-riċetta u r-raġuni għal din l-urġenza.

(*b*) Spiżjar ikun jista' iservi din ir-riċetta sakemm din tkun taqbel ma' dak li hemm fis-subparagrafi (i), (ii) u (iii) tal-paragrafu (*a*).

(7) Id-disposizzjonijiet ta' din ir-regola ma japplikawx għar-riċetti għal xi droga minn tabib li jkun jaħdem fi sptar tal-Gvern, biex din tingħata lil pazjenti fis-swali ta' l-isptar filwaqt li dawn ikunu taħt il-kura tiegħu f'dan l-isptar, u din ir-riċetta tkun regolata mir-regoli interni ta' l-isptar.

(8) Kull talba jew notifikazzjoni li jsiru skond din ir-regola jistgħu jsiru mill-persuna nnifisha jew jintbagħtu bil-posta f'invilopp siġillat li jkun indirizzat lis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika, Dipartiment tas-Saħħa, Valletta, u li jinkiteb fuqu "Notifikazzjoni dwar Saħħa Pubblika - Konfidenzjali" sabiex dan jiġi eżentat mill-ħlas tal-posta.

(9) Għall-iskop ta' dan ir-regolament, il-kelma "tabib" tinkludi

wkoll kirurgu dentist u dentist iżda ma tinkludix kirurgu veterinarju.

(10) Is-Suprintendent jista' jirtira d-dokument ta' kontroll ta' persuna li tkun suspettata li qiegħda tabbuża minn mediċina li għaliha tkun inħarġitilha riċetta, jew li tkun qiegħda b'xi mod ieħor tabbuża mis-sistema tad-dokument ta' kontroll.

(11) Is-Suprintendent jista' jinkludi fuq id-dokument ta' kontroll dawk id-direttivi li jqis li jkunu meħtieġa dwar il-ħruġ ta' riċetti għal xi mediċini.

Pussess ta' drogi.

**9.** Ħadd ma għandu jkun fil-pussess jew jittanta li jippossjedi xi droga kemm-il darba -

(*a*) huwa ma jkunx awtorizzat għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza; jew

(*b*) huwa ma jkunx bil-liċenza jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni din id-droga; jew

(*ċ*) huwa ma jkunx b'xi mod ieħor bil-liċenza mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa jew mhux awtorizzat b'dawn ir-Regoli jew b'awtorità mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu d-droga fil-pussess tiegħu; jew

(*d*) huwa ma jippruvax illi d-droga kienet fornuta għall-użu tiegħu skond dik ir-riċetta kif imsemmi qabel:

Iżda, l-kwalifika li tinsab fil-paragrafu (*d*) ma tkunx tgħodd fil-każ ta' xi droga, fornuta lill-persuna għall-użu tagħha skond riċetta jekk dik il-persuna f'dak iż-żmien li lilha ngħatat id-droga kienet qiegħda taħt kura ta' tabib ieħor dwar li kienet tieħu bi drawwa xi drogi jew xort'oħra, u kienet fornuta b'xi drogi fuq riċetta maħruġa minn dak it-tabib u ma semmietx dik il-ħaġa lit-tabib imsemmi l-ewwel qabel ma d-droga kienet fornuta lilha.

Qartas jew flixkun għandu jkun immarkat ċar. *Emendat: N.G. 449 ta' l-1942.*

**10.** (1) Ħadd ma għandu jforni ebda droga kemm-il-darba l-qartas jew flixkun li ġo fih tkun tinsab ma jkunx immarkat ċar, bil-linka jew b'xi mod ieħor li ma jitħassrux, bix-xorta u kwantità tad-droga li tkun tinsab fih.

(2) Ħadd ma għandu jforni preparat, mistura, estratt jew oġġett ieħor li jkun fih xi droga kemm-il darba l-qartas jew flixkun ma jkunx immarkat ċar bil-linka jew b'xi mod ieħor li ma jitħassrux -

(*a*) fil-każ ta' trab, soluzzjoni jew ungwent, bl-ammont kollu tagħhom fil-qartas jew flixkun u l-perċentaġġ tad-droga fit-trab, soluzzjoni jew ungwent; u

(*b*) fil-każ ta' pastilji jew oġġetti oħra, bl-ammont tad-droga f'kull oġġett u n-numru ta' l-oġġetti fil-qartas jew flixkun:

Iżda din ir-regola ma tgħoddx għal ebda preparat fornut skond ir-riċetta ta' tabib, kirurgu dentist, dentist jew kirurgu veterinarju.

**11.** (1) Kull min iforni xi droga għandu joqgħod għad-disposizzjonijiet li ġejjin: Tħaris tar-regoli.

(*a*) huwa għandu jniżżel jew jordna li jitniżżel f'reġistru, miżmum għal dan l-iskop biss, il-provvisti kollha mixtrija jew xort'oħra li jkun kiseb u kull negozju fid-droga li jsir minnu (u ma' dawn il-bejgħ u l-fornituri lil persuni barra minn dawn il-Gżejjer) skond il-formula, b'dak it-tibdil illi ċ-ċirkostanzi jitolbu, u li fiha d-dettalji li jidhru fit-Tieni Skeda;

(*b*) huwa għandu jniżżel id-dħul dwar id-drogi mixtrija jew li jikseb b'xi mod dak in-nhar li d-droga tasal, u dwar xi bejgħ jew fornitura minnu tad-droga dak in-nhar li jsir in-negozju; jew, jekk dan bir-raġun ma jistax isir, l-għada tal-ġurnnta li fiha tasal id-droga jew isir in-negozju;

(*ċ*) meta huwa jkollu n-negozju f'iktar minn post wieħed huwa għandu jżomm reġistru jew reġistri għalihom għal kull post;

(*d*) huwa għandu jżomm ir-reġistru jew reġistri xi mkien fil-post li għalih jirreferixxi, sabiex dak jew dawk ikunu jistgħu f'kull ħin jiġu spezzjonati skond id-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza;

(*e*) huwa ma għandux iħassar, jingassa jew ibiddel xi reġistrazzjoni fir-reġistru jew jagħmel xi tibdil li ma jkunx eżatt f'xi dettall; xi żball jista' jissewwa b'nota fil-marġni jew f'qiegħ il-faċċata li fiha jingħataw id-dettalji kif għandhom ikunu u bid-data;

(*f*) kull ma jinkiteb għandu jsir bil-linka jew b'mod ieħor li ma jistax jitħassar;

(*g*) huwa għandu jforni lit-Tabib Prinċipali tal-Gvern dawk id-dettalji illi l-imsemmi Tabib Prinċipali tal-Gvern jista' jitlob dwar xi xiri minnu tad-drogi, il-ħażniet kollha ta' drogi li jkollu, u n-negozju kollu li huwa jkun għamel fid-drogi.

(2) Droga jew preparat mogħtija minn tabib jew minn kirurgu dentist jew minn dentist, jew taħt is-sorveljanza diretta tiegħu jew quddiemu ma għandhomx jitqiesu li ġew fornuti minnu.

(3) Bl-approvazzjoni tat-Tabib Prinċipali tal-Gvern jistgħu jinżammu reġistri għalihom għal dipartimenti differenti ta' negozju.

**12.** (1) Kull spiżjar hu awtorizzat - Spiżjar.

(*a*) li jimmanifattura preparat, mistura jew estratt ta' xi droga fil-kors ordinarju tan-negozju tiegħu bl-imnut; u

(*b*) li jbiegħ bl-imnut drogi u taħlit ta' drogi, iżda dejjem skond id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-Regoli.

(2) Kull droga fil-kustodja attwali ta' persuna awtorizzata bis-saħħa ta' din ir-regola għandha tinżamm f'xi ħaġa msakkra li tista' tinfetaħ biss minnu.

(3) Meta skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 9(2) ta' l-

Ordinanza, awtorizzazzjoni bħal din tkun ittieħdet lura, għandu joħroġ avviż ta’ dan fil-Gazzetta tal-Gvern.

Persuni awtorizzati.

**13.** B’dak kollu li hemm imsemmi kuntrarju f’dawn ir-Regoli, kull tabib, kirurgu dentist, dentist, tabib veterinarju, jew spiżjar, jew kull persuna inkarigata minn laboratorju użat għar-riċerka jew tagħlim u li huwa parti minn sptar pubbliku jew istituzzjoni oħra approvata mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa għal dan l-iskop huwa awtorizzat, sa fejn jista’ jkun meħtieġ għax-xogħol tal-professjoni jew impieg tiegħu f’dik il-posizzjoni u skond id-disposizzjonijiet ta’ kull liġi li għandha x’taqsam ma’ din il-professjoni jew impieg, li jkollu fil-pussess tiegħu d-droga jew li jforni d-droga.

Persuna li tinstab ħatja ta’reat.

**14.** (1) Jekk persuna awtorizzata minn dawn ir-Regoli jew minn awtorità mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li timmanifattura, tforni jew li jkollha fil-pussess tagħha d-drogi jew xi waħda minn dawn id-drogi tinsab hatja ta’ reat kontra l-Ordinanza jew dawn ir-Regoli, il-Ministru responsabbli għas-Saħħa jista’, jekk jidhirlu illi dik il-persuna m’għandhiex tibqa’ timmanifattura, tforni jew ikollha fil-pussess tagħha d-drogi, jieħu lura l-awtorità ta’ din il-persuna u għandu jiġi pubblikat avviż ta’ dan fil-Gazzetta:

Iżda ebda ħaġa f’din ir-regola ma għandha tittieħed li tnaqqas ebda setgħa li b’xi mod ieħor hija mogħtija lill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jieħu lura kull awtorità minnu qabel mogħtija.

(2) Meta l-persuna illi l-awtorità tagħha tittieħed lura taħt is-sub-regola (1) ta’ din ir-regola huwa tabib, kirurgu dentist, dentist jew kirurgu veterinarju, jekk il-Ministru responsabbli għas-Saħħa jordna hekk, dik il-persuna ma tkunx tista’ skond il-liġi tagħti riċetti għall-finijiet ta’ dawn ir-Regoli, u għandu jingħata avviż ta’ dan l-ordni lill-persuna milquta minnu u jiġi pubblikat fil-Gazzetta.

(3) Jekk il-Ministru responsabbli għas-Saħħa jkollu għalfejn jissospetta illi tabib jew kirurgu dentist jew dentist qiegħed iforni jew jippreskrivi drogi għalih innifsu jew lil jew għal persuna oħra milli skond ma hu meħtieġ għall-iskop ta’ kura medika jew tas-snien tiegħu nnifsu jew ta’ persuna oħra, il-Ministru responsabbli għas-Saħħa jista’ jirreferixxi din il-ħaġa lit-Tribunal kostitwit skond ma hemm imfisser fit-Tielet Skeda, u, jekk it-Tribunal hekk jirrakkomanda, il-Ministru responsabbli għas-Saħħa jista’ jirrevoka l-awtorità tat-tabib jew kirurgu dentist jew dentist li jforni, jipprokura jew li jkollu fil-pussess tiegħu d-drogi u joħroġ ordni skond is-subregola (2), u għandu jingħata avviż tar-revoka jew ordni lill-persuna milquta u dan jiġi pubblikat fil-Gazzetta.

Konsenja u fornitura ta’ drogi. *Emendat: N.G. 449 ta’ l-1942.*

**15.** (1) Ebda persuna ma għandha tikkunsinna ebda droga lil persuna bla liċenza jew b’xi mod ieħor mhux awtorizzata li jkollha fil-pussess tagħha d-drogi u li tidher mibgħuta minn persuna jew flok persuna li tkun liċenzjata jew awtorizzata kemm-il darba din il-persuna ma turix awtorità miktuba bil-linka jew b’xi mod ieħor li ma titħassarx, iffirmata mill-persuna liċenzjata jew awtorizzata, biex tirċievi d-droga flokha, u kemm-il darba l-persuna li tforni d-droga ma tkunx żgura illi l-awtorità hija vera. Din ir-regola ma titqisx li tgħodd għall-mediċini mogħtijin skond id-

disposizzjonijiet ta' dawn ir-Regoli.

(2) Kull persuna li lilha skond il-liġi tkun ikkunsinnata droga fiċ-ċirkostanzi msemmijin fis-subregola (1) għandha titqies li hi persuna awtorizzata li jkollha fil-pussess tagħha din id-droga, iżda għal dak iż-żmien biss li fiċ-ċirkostanzi tal-każ huwa raġjonevolment biżżejjed sabiex tista' ssir il-kunsinna.

**16.** Kull droga li tkun taħt il-kontroll jew disposizzjoni ta' persuna titqies li qiegħda fil-pussess tagħha. Pussess ta' droga.

**17.** Dawn ir-Regoli ma għandhomx igħoddu għall-preparati msemmijin fir-Raba' Skeda, lanqas għal preparati bħal dawn meta mħalltin ma' sostanza inerti meħtieġa sabiex il-medikament ikun kif meħtieġ. Preparati.

**18.** Riċetti, notamenti, reġistri jew dokumenti oħra meħtieġa li jibqgħu jew jinżammu skond l-Ordinanza jew skond dawn ir-Regoli għandhom jintrefgħu għal mhux inqas minn sentejn mid-data tar-riċetta jew dokument jew ta' l-aħħar dħul fir-reġistru tan-notamenti, kif jista' jkun il-każ, u għandhom jinżammu biex jistgħu f'kull ħin jiġu spezzjonati skond id-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza. Riċetti, notamenti, eċċ.

*Miżjuda:*
*N.G. 545 ta' l-1957.*
*Sostitwita:*
*A.L. 40 ta' l-1984.*
*Emendata:*
*A.L. 23 ta' l-1985.*

L-EWWEL SKEDA

(Regoli 6 u 7)

**PRESCRIPTION FOR NARCOTIC AND PSYCHOTROPIC DRUGS**
**(Only one item may be prescribed on this Form)**

| | |
|---|---|
| **A. TO BE FILLED BY PRESCRIBER** | **C. TO BE FILLED BY DISPENSING APOTHECARY** |
| **PATIENT**<br>Name and Surname ..........<br>Address .......... | **PATIENT**<br>Surname ☐☐☐ Name ☐☐☐<br>I.D ☐☐☐☐☐☐☐☐<br>Male ☐ Female ☐ |
| **ITEM** (incl. Form& Dose) — Quantity<br>Directions for use<br>Additional information in respect of Prescriptions for **METHADONE**<br>Expected Duration of Treatment ..........<br>Medical Indication .......... | **ITEM**<br>Quantity Supplied<br>Total Quantity in Units ..........<br>Total Quantity in Weight/Measure .......... |
| **PRESCRIBER** Med Council Reg. No. ☐☐☐☐<br>Name and Surname ..........<br>Address ..........<br>Signature .......... Date .......... | **PRESCRIPTION ORIGIN**<br>Hospitals ..........<br>Govt. Clinics ..........<br>Private .......... |
| **B. FOR OFFICIAL USE ONLY**<br>To be filled by Government Dispenser<br>PRESCRIPTION TYPE<br>Pink Form ☐ Schedule III ☐ Others ☐<br>Direct ☐ Postal ☐<br>LOCATION DISPENSER ☐☐☐☐ | **DISPENSER**<br>Signature..........<br>Pharmacy Board Reg. No ☐☐☐<br>Dispensary Address<br>..........<br>Dispensary<br>DH Licence No. ☐☐☐ |
| **To be filled by Coder**<br>Item No. ☐☐☐☐☐ Prescription Origin ☐☐ | Date ☐☐☐☐☐☐ |

**Serial No.**

## REQUEST FOR PRESCRIPTION FORMS FOR NARCOTIC AND PSYCHOTROPIC DRUGS

I request .................... booklet/s by .................. prescription forms.

Name and surname of prescriber ...................................................
(IN BLOCK LETTERS)

Private address ..........................................................................................
(IN BLOCK LETTERS)

..........................................................................................

Signature .................. Med. Council Reg. No. | | | | | |

## FOR OFFICIAL USE

Supplied ................... booklet/s by ................... prescription forms.

Serial No. ........................ to ........................

(*a*) If withdrawn personally by prescriber.

........................................... ...................................
Signature of Prescriber Date

(*b*) If forwarded by mail.

Forwarded by ................................... on ...........................

A.R. Card to be attached.

*Emendata:*
*A.L. 40 ta' l-1984;*
*A.L. 23 ta' l-1985.*

IT-TIENI SKEDA

(Regola 11)

**A. Reġistru tad-Drogi li lilhom tolqot it-Taqsima V ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi**

Mixtrixin jew akkwistati

| Isem is-sustanza mixtrija jew akkwistati | Data li fiha l-provvista waslet | Isem il-persuna, korp jew ditta mingħand min ittieħdet | Indirizz tal-persuna, korp jew ditta mingħand min ittieħdet | l-ammont akkwistat | F'liema għamla ittieħdet |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | |

**B. Reġistru tad-Drogi li lilhom tolqot it-Taqsima V ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi**

Mibjugħin jew fornuti

| Isem is-sustanza mibjugħa jew fornuta | Data li fiha sar in-negozju | Isem il-persuna, korp jew ditta li lilha ġiet mibjigħa jew fornuta | Indirizz tal-persuna, korp jew ditta li lilha ġiet mibjigħa jew fornuta | Awtorita tal-persuna, korp jew ditta li jkollha s-sustanzi fil-pussess tagħha | Ammont mibjugħ jew fornut | F'liema għamla ġiet mibjugħa jew fornuta | Meta l-bejgħ isir fuq riċetta, fisser l-ingredjenti jew ir-riċetta u daħħal in-numru tas-serje uffiċjali stampat fuq il-formula tar-riċetta |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | | |

IT-TIELET SKEDA

*Sostitwita: A.L. 4 ta' l-1974.*

(Regola 14)

Il-Kunsill Mediku mwaqqaf skond l-artikolu 20 ta' l-Ordinanza dwar l-Organizzazzjoni tad-Dipartiment tas-Saħħa għandu jkun it-Tribunal għall-iskopijiet imsemmija fir-regola 14(3) ta' dawn ir-Regoli

---

Ir-RABA' SKEDA

(Regola 17)

**Preparati li għalihom ir-Regoli ma japplikawx**

Cereoli Idoformi et Mophineae, B.P.C. '23

Elixir Diamorph. et Terpin. c. Apomorph., B.P.C.

Emp. Opii, B.P. '98.

Linctus Diamorph. Camph., B.P.C.

Linctus Diamorph. c. Ipecac., B.P.C.

Linctus Diamorph. et Scill., B.P.C.

Lin. Opii, B.P. '14.

Lin. Opii Ammon., B.P.C. '23.

Pasta Arsenicals, B.P.C.

Pil. Digitalis et Opii Co., B.P.C. '23.

Pil. Hydrarg. c. Cret. et Opii, B.P.C.

Pil. Hydrag. c. Opio, B.P.C. '23.

Pil. Ipecac. c. Scill., B.P. '14.

Pil. Plubi c.Opio. B.P. '14.

Pulv. Cret. Aromat. c. Opio, B.P.

Pulv. Ipecac. et Opii, B.P (Dover's Powder).

Pulv. Kino Co. B.P., '14.

Suppos. Plumbi c. Opio, B.P.

Tabellae Plumbi c Opio, B.P.C.

Ung. Gallae c. Opio, B.P.C. (Ung. Gallae Co.).

Taħlitiet ta' Emp. Opii, B.P. '98 ma' impjastri oħra tal-British Pharmacopoeia 1914 u 1932, u tal-British Pharmaceutical Codex.

Taħlitiet ta' Lin. Opii, B.P. '14 ma' linimenti oħra tal-British Pharmacopoeia 1914 u 1932, u tal-British Pharmaceutical Codex.

Taħlitiet ta' Pulv. Ipecac. Co., B.P. '14 u ta' Pulv. Ipecac. et Opii, B.P. flimkien ma' xi waħda minn dawn:

Hydrarg. c. Cret., B.P.

Acetysalicylic Acid.

Phenacetin.

Quinine and its Salts.

Sodium Bicarbonate

Taħlitiet ta' Ung. Gallae c. Opio, B.P.C. (Ung. Gallae Co.) b'ungwenti u impjastri oħra tal-British Pharmacopoeia 1914 u 1932, u tal-British Pharmaceutical Codex.

Taħlitiet ta' Lin. Opii Ammon., B.P.C. '23 b'linimenti oħra tal-British Pharmacopoeia 1914 u 1932, u tal-British Pharmaceutical Codex.

---

*Mi\juda:*
*A.L. 64 ta' l-1986.*
*Emendata:*
*A.L. 33 ta' l-1989.*

## IL-ĦAMES SKEDA

(Regola 8)

DEPARTMENT OF HEALTH

**DRUGS (CONTROL) REGULATIONS AND DANGEROUS DRUGS (INTERNAL CONTROL) RULES**
**CONTROL CARD FOR NARCOTIC/PSYCHOTROPIC DRUGS**

Name and Surname of Patient ....................................

Identity Card No. (where available, or Passport No., in case of non-Maltese citizens who do not hold an Identity Card):
................................................

Address ................................................
............................................................

Date of Issue of Card .......... Valid till ........................

.............................................................
Superintendent of Public Health

| (Columns 1 - 4 to be filled by Prescriber) | | | | (Columns 5 - 8 to be filled by Dispensing Apothecary) | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Date of Prescription | Name of Drug. Form and Dose | Amount Prescribed | Signature of Medical Practitioner and Medical Council Reg. No. | Amount Dispensed | Date of Dispensing | Signature of Apothecary | D.H. Licence No. of Dispensary |
| | | | | | | | |

---

IS-SITT SKEDA

*Miżjuda:*
*A.L. 64 ta' l-1986.*

(Regola 8)

**DRUGS (CONTROL) REGULATIONS AND DANGEROUS DRUGS (INTERNAL CONTROL) RULES**

**REQUEST FOR THE ISSUE/RENEWAL OF A CONTROL CARD FOR NARCOTIC AND PSYCHOTROPIC DRUGS**

Superintendent of Public Health

I hereby request that Mr/Ms .................................. aged ............

I. D. No. *.............................. residing at ...................................

.............................................................................................

(i) be issued with a control card for narcotic/psychotropic drugs (§)

(ii) have the control card for narcotic/psychotropic drugs renewed.(§)

(§) Delete whatever is inapplicable.

Signature of Medical Practitioner ..................................................

Name and Address of
Medical Practitioner ..........................................................

..........................................................

..........................................................

..........................................................

Medical Council Reg. No. ..............................................

Date ......................................

* In case of non-Maltese citizens not holding an I.D. Card, the Passport No., is to be inserted; in the case of a minor the particulars inserted are to be in relation to the I. D. Card or passport of the father, mother or guardian.